# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru 1690/92 DS**

Dr Simon Micallef Stafrace bhala rappresentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta' Assikurattrici estera Guardian Royal Exchange plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha S. Guilaumier & Co. Ltd.

Vs

William L. Harding u John C. Cooper ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta B.A.S. Ltd. agenti Malta ta' Cargosave Inc.

Illum, 14 ta' Dicembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Dicembru 1992 li permezz taghha l-attur nomine ppremetta:

Illi s-socjeta' S. Guilaumier & Co. Ltd. importat gewwa Malta "One case Cummings Engine Spare Parts" bl-ajru taht ir-responsabilita' tas-socjeta' konvenuta kif jirrizulta mill-Airway Bill Dok. A.

Illi wara li waslet din il-merkanzija Malta u l-importatur mar jirtira l-merkanzija irrizulta li kien hemm in-nuqqasijiet elenkati fid-Dok. B.

Illi ghal dawn in-nuqqasijiet l-assikurazzjoni attrici, kif obbligata, hallset is-somma ta' seba mija u tmienja u tletin lira u tmenin centezmu (Lm738.80,0) li minnhom hamsa u tletin lira huma survey fees, u ghalhekk giet surrogata fid-drittijet tas-socjeta' importatrici (Dok. C).

Illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghall-istess nuqqasijiet.

talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghan-nuqqasijiet fuq riferiti;

2. tikkundanna lill-konvenuti nomine biex ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm738.80,0 in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogati lill-attur nomine, bl-interessi mit-22 ta' Gunju 1992 fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi l-kaxxa kontenenti lis-"spare parts" in kwistjoni waslet Malta minghajr difetti u giet miftuha minn ufficjal tad-Dwana fil-presenza ta' impjegat tal-Air Malta u impjegat iehor tas-Socjeta' B.A.S. Ltd. u, wara, giet konsenjata lill-importatur minn impjegat tal-istess socjeta', li giet lilu rilaxxjata ricevuta li l-merkanzija waslet "in good order and condition".

2. Illi fl-ebda zmien ma sar ebda reklam ta' nuqqasijiet lis-socjeta B.A.S. Limited mill-importatur.

3. Ghalhekk, jekk instabu xi nuqqasijiet wara li giet konsenjata l-merkanzija dawn setghu ittiehdu waqt li l-istess merkanzija kienet ghand l-importatur.

Ghaldaqstant il-konvenuti nomine ma humiex responsabbli ghal ebda nuqqas u wisq inqas ghad-danni u ghalhekk ghandhom jigu liberati, bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-23 ta' Mejju 1994 fejn giet nominata l-Avukat Dr. Deborah Farrugia bhala perit legali biex tfittex u tirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fit-23 ta' Frar 2001;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat illi:

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta' S. Guilaumier & Co. Ltd. impurtat bl-ajru "1 case Cummings Engine Spare Parts" fid-19 ta' Dicembru 1991. Din giet rilaxxata mid-Dwana fis-7 ta' Jannar 1992 lill-burdnar tas-socjeta' B.A.S. Ltd. Hadu konsenja taghha Anthony Taylor u Jesmond Cortis impjegati tas-socjeta' B.A.S. Ltd.

Anthony Taylor xehed li l-kaz jiftakru sew u hu u siehbu Jesmond Cortis kienu gabru l-kaxxa in kwistjoni mill-Bond. Huwa qal: "Il-burdnar ikklerja l-kaxxa mill-Bond u l-burdnar qalilna illi l-kaxxa kienet giet sigillata minn barra, infethet quddiem il-burdnar quddiem tad-Dwana li ccekjaw xi items li hija procedura tas-soltu minhabba dazju. Meta jien u Jesmond ircevejniha l-kaxxa mill-Bond, morna dritt naghmlu d-delivery lil Guilaumier ghaliex

kien l-aktar wiehed vicin tal-Bond.  Fit-triq ma waqafna mkien.  La jien u lanqas Jesmond Cortis ma missejna l-kaxxa l-Bond jew wara.  Ahna kemm ghamilna d-delivery".

Issa filwaqt li fis-survey report (Dok. B a fol 6) hemm indikat li l-merkanzija giet "Delivered to Consignees on 07.01.92", mid-delivery receipt (Dok. B a fol. 17) jirrizulta li l-merkanzija waslet ghand is-socjeta' importatrici fit-8 ta' Jannar 1992.  Difatti din l-ircevuta giet iffirmata kemm mill-impjegati tal-B.A.S. (Taylor u Cortis) kif ukoll mill-istore keeper tas-socjeta' importatrici Manwel Ciantar.

Li l-merkanzija giet rilaxxata fis-7 ta' Jannar 1992 m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju peress li anke fuq id-delivry order (Dok A a fol 16) hemm it-timbru tad-Dwana bid-data tas-7 ta' Jannar 1992 u l-firma ta' xi hadd "Degorgio" ghal B.A.S. Ltd.  Jigifieri l-konsenja lis-socjeta' importatrici saret  l-ghada li l-merkanzija giet rilaxxata lill-burdnar tas-socjeta' B.A.S. Ltd li probabilment zammha fil-mahzen tieghu sakemm giet irtirata minn Taylor u Cortis.

Issa meta giet iffirmata d-delivery receipt, Manwel Ciantar iffirma ghall-merkanzija li "Received in good order and condition".  Manwel Ciantar ma giex prodott biex jixhed.  Pero' Malcolm Micallef, accountant tas-socjeta importatrici, qal hekk:

> "Il-merkanzija rcevejniha fit-8 ta' Jannar 1992.  Kien hemm lis-store keeper Manwel Ciantar u jiena f'din il-gurnata.  Il-kumpanija taghna ffirmat ricevuta tal-kunsinja li saritilha lil BAS Ltd.  Meta rcevewha l-

> merkanzija, l-packing kien f'kundizzjoni hazina. Meta ffirmajna r-ricevuta lil BAS Ltd. avolja l-kaxxa kienet diga' miftuha ahna ma ezaminajniex il-kontenut kollu tal-merkanzija. Jiena tajt daqqa t'ghajn lill-merkanzija. Dik l-istess gurnata ahna ccekjajna l-merkanzija u sibna l-affarijiet neqsin".

U Anthony Taylor Xehed li:

> "Meta wasalna ghand Guilaumier nizzilna l-kaxxa u staqsejna lil Ciantar jekk iridx jiccekkja l-kaxxi. Huwa qal: "Le ma hemmx ghalfejn u accettaha bhala "received in good order and condition".

Mis-survey report jidher li l-claim mis-socjeta assiguratrici attrici mbaghad sar fid-9 ta' Jannar 1992.

Is-socjeta' assikurattrici tirritjeni li s-socjeta BAS Ltd. hija responsabbli ghan-nuqqasijiet. Difatti hija pproduciet lill-ufficjal tad-Dwana John Pavia li esebixxa d-dokumenti relattivi tad-Dwana mnejn jirrizulta li meta l-merkanzija giet rilaxxata wara li sar l-iccekkjar opportun ma tnizzlet l-ebda rimarka dwar xi nuqqas. Izda mbaghad hemm id-dikjarazzjoni fuq l-ircevuta li din twasslet ghand is-socjeta' importatrici "in good order and condition". Hija kellha l-opportunita' tikkontrolla l-merkanzija mal-wasla taghha sabiex tippreciza u tirregistra l-istat ta' fatt. U ghalhekk dan id-dokument ghandu jservi ta' prova tal-kontenut tieghu. Din il-prova tista' tigi ribattuta bi provi li jridu jkunu ferm konvincenti biex jigi annullat il-valur probatorju taghha.

Fil-fehma tal-Qorti l-provi attrici ma jaslux ghall-grad ta' konvinzjoni mehtieg biex jista' jinghad li s-socjeta' attrici ppruvat it-tezi taghha almenu fuq bilanc ta' probabilita'. Il-Qorti ma taqbilx mal-perit legali meta qalet li l-konsenja damet xi granet ghand is-socjeta' attrici qabel ma nstabu xi nuqqasijiet (issemmi t-13 ta' Jannar meta saret l-ewwel notifikazzjoni lis-socjeta' konvenuta). Mis-survey report jirrizulta li saret notifikazzjoni lis-socjeta' assikuratrici l-ghada tal-konsenja u Malcolm Micallef xehed li l-iccekkjar sar dakinhar tal-konsenja, Izda hemm ragunijiet ohra li jgeghlu lill-Qorti ma tacettax it-tezi attrici.

L-iccekkjar tal-konsenja, ghalkemm sar fl-istess gurnata, ma jirrizultax li beda minnufieh. Fl-istess hin il-Qorti mhijiex sodisfatta li meta sar ir-rilaxx mid-Dwana gew iccekkjati l-items <u>kollha.</u> Ma giex prodott mis-socjeta' attrici l-aktar xhud li jista' jitqies importanti, Manwel Ciantar, l-istore keeper tas-socjeta' importatrici u l-persuna li ffirmat ghal u accettat il-merkanzija "in good order and condition". U ghalkemm is-socjeta' assikuratrici originalment ghamlet insistenza fuq l-affidavits tal-burdnara tas-socjeta' konvenuta (ara ittra tat-23 ta' Jannar 1992 Dok. MS 4) u anke Noel Ellul irrefera ghalihom fix-xhieda tieghu tas-27 ta; Lulju 1994, is-socjeta attrici baqghet ma ressqet l-ebda burdnar biex jixhed. Fl-ahhar mill-ahhar jkollu jigi osservat ukoll li ghalkemm Malcolm Micallef stess xehed li meta l-merkanzija waslet "il-packing kien f'kondizzjoni hazina", xorta ma hassx il-bzonn li tigi ezaminata dak il-hin stess fil-presenza ta' l-impjegati tas-socjeta' konvenuta.

Konsegwentement it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**D/REGISTRATUR**